**Xogħlijiet Marjani mill-pinna ta' Mro Angelo Pace**
**(II) Innu Popolari 'Santa Marija'**

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra, pp.44-48 konna tkellimna dwar l-Antifona 'Assumpta Est Maria' in Fa Maġġuri (1995) ta' Mro Angelo Pace (1920-2003). Rajna wkoll kif dal-kompożitur Gudjan kiteb għadd ta' xogħlijiet mużikali f'ġieħ il-Madonna li lejha kellu dovozzjoni kbira u mħabba speċjali. Parti sostanzjali mill-artiklu kienet tittratta l-analiżi ta' dil-antifona, imsieħba minn xi eżempji mużikali biex il-qarrej ikun jista' jifhem aħjar u jduq aktar mill-benna ta' dax-xogħol sagru. Għal dis-sena ħsibt li nkompli nkellimkom fuq aktar xogħlijiet mill-pinna tiegħu billi nintroduċikom għall-Innu Popolari 'Santa Maria', li bla dubju ta' xejn jindaqq bosta drabi fil-festa titulari tal-parroċċa arċipretali u arċimatriċi tal-Gudja, li bħala patruna tagħha għandha 'l-Assunta. Hawn għall-darb'oħra nixtieq nirringrazzja lil Mro Stefan Caruana talli għoġbu jgħaddili kopja elettronika tal-partitura biex stajt ninseġ dal-artiklu.

Kliem muftieħ: Gudja, Bir Miftuħ, Innu popolari, Mro Angelo Pace, Għaqda Mużikali 'Marija Assunta' (Il-Gudja), Għaqda Każini tal-Banda

Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra wkoll kont semmejtilkom l-għajdut dwar il-qniepen tal-knisja ta' Bir Miftuħ. Għal dis-sena għandi leġġenda qasira x'nirrakkuntalkom dwar minn fejn ġie dal-isem ta' Bir Miftuħ. Skont il-leġġenda, darba fost l-oħrajn, waqt li Missierna San Pawl kien qed idur f'pajjiżna biex ixandar il-Bxara t-Tajba, inzerta kien in-naħat t'isfel ta' Malta, u fil-ħin u l-mument lissen dal-preċiżi kelmiet: 'Marija Santissima hi bir miftuħ tal-grazzja għal kulħadd.' Tradizzjoni ferm antika tgħid li dar-raħal ħa ismu minn dil-parti tas-sentenza.



Kartolina qadima tal-kappella ta' Bir Miftuħ


Mro Angelo Pace meta dderieġa 'l-Banda Nazzjonali Maltija fl-1957

Fil-profil bijografiku tas-sena l-oħra rajna kif Pace kien attiv sew fl-isfera bandistika ta' pajjiżna bid-diversi karigi li huwa kien jokkupa u l-għadd kbir ta' mużika illi kiteb, fosthom marċi u innijiet ta' kull tip. Kiteb ukoll mużika xort'oħra, sew sagra u sew profana, f'ġeneri differenti u mhux dejjem għall-istess organiku. Skont Grazio Anton Grech[1], Pace kien jiddelitta sew ukoll bil-letteratura, u bosta huma in-novelli u l-poeżiji li ħarġu mill-pinna tiegħu. Dax-xogħlijiet letterarji ma kienx jiktibhom biss f'ilsienna, iżda ġieli wkoll fil-lingwa Taljana u Latina. Dan jispjega l-fatt, li wħud mill-innijiet tiegħu għandhom il-versi tal-istess awtur, fosthom l-Innu-marċ 'Jum l-Assunta' tal-1982. U la qegħdin insemmu innijiet, hawn taħt qed intikom lista ċkejkna ta' wħud minnhom li huwa kiteb għall-festa ta' raħlu u għall-pajjiżi oħrajn, li jvarjaw minn wieħed popolari għal dak tal-banda, jew f'ġieħ dak il-qaddis jew dik il-qaddisa, imma l-aktar b'dedika 'l-Madonna.

| Data | Isem | Versi | Pajjiż |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | Innu Popolari 'Santa Marija' | Marlene Mangion[2] | Il-Gudja |

[1] 'Mużiċisti, Kompożituri Għawdxin, Maltin, u Barranin' (Għawdex, 2006).
[2] Hija wkoll l-awtriċi tal-Innu lill-Madonna 'Taċ-Ċintura'.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Innu tal-Banda | Francis Ebejer | Ħad-Dingli |
| | Innu lil ‘Marija Annunzjata’ | Dun Frans Camilleri | Ħal Tarxien |
| | Innu Popolari ‘Sant’ Andrija Appostlu’ | Tusè Costa | Ħal Luqa |
| | Innu | | L-Għasri |

L-Innu Popolari ‘Santa Marija’ ta’ Pace inkiteb fl-1998[3], u jidher li għall-bidu ġie kompost għall-orgni u kor biss. Dan peress li fl-innu nsibu ħafna noti twal fl-armonija li ħafna drabi nassoċjawhom mal-mużika għall-orgni, speċjalment dawk imdaqqa mill-pedaliera, li tintrifes bis-saqajn. Aktar ’il quddiem imbagħad, jidher li dal-innu ġie arranġat b’tali mod li jista’ jindaqq ukoll minn orkestra jew banda. Ta’ min jgħid hawnhekk, li Pace kien idoqq l-orgni fil-knisja arċipretali tal-Gudja sa minn età żgħira[4], fejn aktar tard għamel żmien twil bħala *maestro di cappella*, responsabbli mill-festa titulari ta’ Santa Marija, kif ukoll dik tar-Rużarju. Bejn is-snin 1965 u 1979 ukoll, huwa kien l-organista taż-żewġ knejjes li s-servizzi Ingliżi tal-R.A.F. kellhom f’Ħal Luqa. U għad li mhux magħruf għand min studja l-orgni, jekk hux taħt Vinċenzu Costa jew Ġużeppi Casapinta, jew għand xi ħadd ieħor, jonkella waħdu, jidher li l-ewwel xogħol tiegħu, l-Innu ‘Tislima lil Maria SS. tar-Rużarju’, iġib id-data tardiva tal-1954, meta allura hu ġa kellu 34 sena; f’liema sena ġab it-tieni diploma mil-*London College of Music*. Ma’ dan inżidu ngħidu, li Pace mexxa wkoll l-kor Excelsior ta’ Ħal Luqa, u waqqaf ieħor fi ħdan il-Banda ‘La Stella’.



Tpenġija li turi orgni ta' żmien Bach bil-pedaliera taħt (The Observer’s Book of Music)


Partitura għall-orgni biss tal-Innu Popolari ‘Santa Marija (1998)

L-Innu Popolari ‘Sta. Marija’ huwa in Si*b* Maġġuri u jindaqq fl-istess temp maestuż tal-Antifona ‘Assumpta Est Maria’ (1995), u għandu wkoll l-istess sinjal ta’ miżura bħal tagħha, jiġifieri temp kwadruplu sempliċi. Bħala forma mbagħad, l-innu jinqasam fi strofa u ritornell, u għandu introduzzjoni fil-bidu li tindaqq darba biss. Il-versi tiegħu huma ta’ Marlene Mangion, fejn il-poeżija hija aktarx magħmula minn żewġ kwartini ottornarji, segwiti mir-ritornell. F’riġel il-partitura għall-orgni hemm imniżżel is-sinjal D.C. (Da Capo, i.e. minn fuq), li jfisser li l-innu jrid jitgħanna fuq l-istess melodija. It-tabella t’hawn taħt turi kif inhu mqassam l-Innu f’aktar dettall:

| Taqsima | Battuti | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| | | |
| | $01\text{-}04^3$ | Introduzzjoni |
| Strofa | $04^4\text{-}20^3$ | Sentenza ta’ 16-il battuta |
| Ritornell | $20^4\text{-}28^3$ | Sentenza ta’ 8 battuti |
| | $28^4\text{-}32^3$ [$33^3$] | Estenzjoni |

Introduzzjoni (b. $01\text{-}04^3$): Din fiha erba’ battuti, immarkati li jridu jindaqqu bil-qawwi, li fihom il-kompożitur idaħħalna fl-ispirtu devot tal-innu. Hija biss introduzzjoni mingħajr ħjiel tematiku, bis-soltu armonizzazzjoni tradizzjonali, fejn il-bidu tal-melodija għandha mill-istess tidwir li nsibu f’dik tal-Antifona. Għal innu qasir bħalm’hu dan, taf tkun ftit twila, imma peress li tindaqq darba biss, ma

[3] Grazio Anton Grech: ‘Mużiċisti, Kompożituri Għawdxin, Maltin, u Barranin (Għawdex, 2006), p. 48.
[4] Idem.

tagħmilx ħsara 'l-istruttura inġenerali, aktar u aktar meta m'hemmx iżjed interventi mużikali fl-assenza tal-kant.

L-Istrofa (b. $04^4$-$20^3$): Dit-taqsima mużikali fiha 16-il battuta, imqassma f'żewġ sentenzi bi tmienja l-waħda, fejn jerġa' kull waħda tinqasam f'żewġ frażijiet daqsinsew, u li kollha jibdew *in aria* fuq ir-raba' kwart. Iż-żewġ frażijiet fl-ewwel sentenza għandhom l-istess forma melodika u disinn ritmiku, b'dan tal-aħħar ikkaratterizzat mis-sinkopar fit-tieni battuta, li permezz tiegħu l-aċċent jimxi mill-parti forti għal waħda dgħajfa. Is-sinkopar jibqa' jippersisti anki fis-sentenza l-oħra, anki jekk il-melodija issa hi aktar iddominata mit-taħbit regolari tas-semiminimi. F'din tal-aħħar ukoll, il-mużika għandha ħabta timmodula permezz t'akkordji kromatiċi, biex bit-tiżwiq tagħhom ma taqax f'monotonija dijatonika. F'dik li hi armonija mbagħad, in-noti pedala jilagħbu parti importanti, li minn kif għedna, hija indikazzjoni ċara li l-innu ġie kompost fuq orgni u mhux fuq strumenti ieħor bit-tastiera. (Eż. 1):

Ir-ritornell (b. $20^4$-$28^3$ + b. $28^4$-$32^3$ [$33^3$]): Dil-istrofa bejn stanza u oħra li tirrepeti ruħha hija iqsar fl-għadd ta' battuti minn dik li hemm fl-ewwel parti tal-innu. Hawn il-mużika timmodula lejn Mi*b* Maġġuri anki jekk m'hemmx sinjal ta' kjavi li juri dan; kjavi doċli u ferm adattata għar-ritornell t'innu Marjan bħalm'hu dan. U għad li jtik l-impressjoni li fih 12-il battuta, fil-verità r-ritornell jinqasam f'sentenza ta' tmien battuti, estiża b'erbgħa oħra. Dan jiġri peress li bejn is-27 u t-28 battuta s-sentenza tintemm bi speċi ta' *cadenza d'inganno* li ma tħallix l-innu jagħlaq sewwa. Fl-ewwel frażi tas-sentenza, li wkoll tibda *in aria*, insibu s-sinkopar xorta waħda fit-tieni battuta; u bl-istess akkordju jiddomina tliet kwarti minnha. Fil-bqija tas-sentenza mbagħad, insibu sekwenza ta' żewġ battuti sinkopati, segwiti kif għedna minn għeluq miftuħ, fejn l-akkordji kromatiċi jibdlu lewn il-mużika tista' tgħid ma' kull minima li tgħaddi. L-estenzjoni mhix għajr it-tennija tal-aħħar grupp t'erba' battuti, bid-differenza li hawn il-kadenza tagħlaq b'mod sħiħ. Hawn ukoll, it-temp inaqqas ftit minn ġirjietu biex jagħti sens ta' finalità. (Eż. 2):

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Gudjani fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Marija Assunta li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fil-Gudja.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)